# L-Għaxar Forma tal-Verb Semitiku

www.maltikurja.com

# Kif titnissel din il-forma?

Il-verbi tal-**X** Forma jitnisslu minn dawk tal-Ewwel Forma jew minn nomi bl-għajnuna tal-preformattiva **st**.

Eż: ħeba (I) = **st**aħba

għadira (I) = **st**agħdar



**www.maltikurja.com**

# Fil-mod kif jiffurmaw

Fit-tiswir tagħhom dawn il-verbi jqiegħdu l-ewwel vokali tal-verb jew nom ewlieni wara l-preformattiva.

Eż: ħeba (ewlieni) = staħba

gћaġeb (nom) = stagħġeb



# It-tifsira tagħhom

It-tifsira prinċipali tagħhom hija riflessiva; imma wkoll spiss turi ħeġġa jew tħabrik.

Eż: Salvu *stagħġeb* b'li ra (*riflessiva*).

Kif rani *staħba* (*tħabrik*).

**www.maltikurja.com**

# Fl-Imperfett

Dawn il-verbi jeħtieġu l-vokali ewfonika **i** wara l-ittri servili tal-Imperfett.

Eż: stenbaħ = n**i**stenbaħ, t**i**stenbaħ, j**i**stenbaħ.



# Xi verbi tal-X Forma

Il-verbi *stenna*, *stieden*, *staqsa*, *strieħ* u *stienes* huma verbi tal-X Forma mnisslin mill-Verbi Ewlenin illum mitlufa.

(’ana), (’adan), (qasa-j), (rieħ) u (’anas)

